MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 977/2013

**Sigma Coatings (Malta) Limited**
**(C – 5966)**

**vs**

**Dolphin Industrial Services Limited**
**(C – 28232)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur fuq indikat datat l-14 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi bieghet zebgha lis-socjeta` intimata;

1.2 Illi l-bilanc dovut mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti ghaz-zebgha *de quo* jammonta ghal hamsa w

ghoxrin elf, erbgha mija u sitta u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu, (€25,466.23);

1.3 Illi nonostante li debitament interpellata, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.4 Illi jezistu l-elementi indikati fl-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn *de quo* hu cert, likwidu u dovut, u li ghalhekk is-socjeta` intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'tipproduci;

1.5 Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex din:

1.5.1.Tiddeciedi t-talbiet odjerni bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

1.5.2.Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma minnha lilha dovuta ta' hamsa w ghoxrin elf, erbgha mija u sitta w sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu, (€25,466.23);

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata;

2. Rat id-debita notifika tas-socjeta` intimata;

3. Ikkonstatat li nonostante li ddekorra t-terminu ffissat mill-ligi, dan ghadda inutilment;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lix-xhud prodott;

6. Ikkonstatat li s-socjeta` intimata, anke baqghet fi stat ta' kontumacja;

7. Rat il-verbal datat il-21 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu il-kawza odjerna giet differita ghas-sentenza wara li awtorizzat lis-socjeta` intimata tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha sad-data hemm indikata;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi skont ix-xhud prodott mis-socjeta` rikorrenti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi effettivament is-socjeta` rikorrenti ikkonsenjat iz-zebgha *de quo* lis-socjeta` intimata;

8.2. Illi s-socjeta` intimata ghad fadlilha thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' flus indikat aktar qabel, (ara paragrafu wiehed punt tnejn, (1.2), u paragrafu wiehed punt hamsa punt tnejn, (1.5.2), aktar qabel);

8.3. Illi nonostante li s-socjeta` intimata giet debitament interpellata biex teffettwa l-pagament minnha dovut, din baqghet inadempjenti;

9.0. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tiddikjara li qed takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti:

**DECIDE:**

9.1. Tilqa' t-talba ghad-dispensa tas-smiegh tal-kawza skont l-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

9.2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, erbgha mija u sitta u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu, (€25,466.23);

9.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata Dolphin Industrial Services Limited biex thallas lis-socjeta` rikorrenti Sigma Coatings (Malta) Limited, likwidat fil-paragrafu precedenti;

9.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess socjeta` intimata fuq indikata u bl-imghaxijiet skont il-ligi mill-14 t'Ottubru, 2013 sad-data tal-effettiv pagament.

____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------